TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 209/12/B

**Paul Agius**

**vs**

**AFS Ltd.**

Illum 24 ta' April 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-28 ta' Awissu, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifużjoni ta' mija hamsa u tletin Ewro (€135.00), rapprezentanti l-prezz li hallas lis-socjeta' ntimata ghal pompa, liema pompa kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara pompa tad-ditta 'Calpeda' fl-10 ta' Settembru 2010 minghand is-socjeta' ntimata. Filwaqt li kienet ghadha bil-garanzija, il-pompa bdiet taghmel l-ilma, ghalhekk huwa hadha lura ghand is-socjeta' ntimata, fejn hija qaltlu li l-pompa kellha hafna hsara, liema hsara m'hijiex koperta bil-garanzija. Il-pompa kellha leak ta' l-ilma minn gewwa u ghamel hafna hsara. Ir-rikorrent ma setax jara x'kien qed jigri gewwa. Huwa nduna meta bdiet tqattar l-ilma barra. Is-socjeta' ntimata qaltlu li jmissu ha hsiebha qabel.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

B'differenza ghat-talba maghmula mir-rikottenti, ir-rikorrenti stess diga' rrefera l-kwistjoni lill-manifattur, u cioe' 'Calpeda'. Il-manifattur, filwaqt li gharraf lis-socjeta' ntimata b'dan, talabha tibghat ritratti ta' diversi partijiet tal-pompa. Wara dan, il-manifattur baghat rapport lis-socjeta'

ntimata dwar il-kawza tal-hsara fil-pompa, fejn spjegalha li l-hsara fil-pompa ma taqax taht garanzija.

Is-socjeta' ntimata ezebiet il-korrispondenza relatata, flimkien mar-ritratti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta ghall-pompa in kwistjoni mahruga minghand is-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.PA1; flimkien ma' kopja ta' certifikat mahrug minghand 'Renergy Ltd.' ta' test results, li gew immarkati bhala Dok.PA5 u Dok.PA6.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet rapport tekniku tal-persuna li ghamlet l-ispezzjoni fuq il-pompa, li gie mmarkat bhala Dok.PR1; flimkien ma' kopja tat-termini u l-kondizzjonijiet, li giet immarkata bhala Dok.PR2.

It-Tribunal josserva wkoll illi s-socjeta' ntimata kienet offriet illi, nonostante l-fatt illi minhabba t-tip ta' hsarat il-pompa ma kienitx koperta bil-garanzija, hija kienet lesta li thallas ghall-parts li kellhom jigu mibdulin filwaqt li r-rikorrent ihallas biss ghall-'labour fees'.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata u b'referenza specifika ghal Dok.PR1 u Dok.PR2, jirrizulta ampjament car illi l-pompa in kwistjoni ma kenitx wahda difettuza, u li l-hsara li garrbet ma kenitx wahda li tigi koperta bil-garanzija. It-Tribunal jinnota illi madanakollu, is-socjeta' ntimata kienet offriet illi thallas ghall-parts li kellhom jigu mibdulin filwaqt li r-rikorrent ihallas biss ghall-'labour fees', u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal tali offerta, u jordna lis-socjeta' ntimata taghmel ix-xogholijiet ta' tiswija fuq il-pompa in kwistjoni, ghal liema tiswija r-rikorrent ihallas biss ghall-'labour fees', b'dan illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**